

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 904/2020-1

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Google LLC għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2021 – Brand Energy Holdings vs EUIPO (RAPIDGUARD)

(Kawża T-573/21)

(2021/C 431/66)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrent*: Brand Energy Holdings BV (Vlaardingen, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentanti: A. Hönninger u F. Dechent, avukati)

*Konvenut*: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RAPIDGUARD – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 156 550

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 294/2021-5

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 42(1) flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 42(1) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Settembru 2021 – SMCK Hair Care Products vs EUIPO – Carolina Herrera (COOL GIRL)

(Kawża T-670/20) <sup>(1)</sup>

(2021/C 431/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 18.1.2021.